MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 418/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi u l-assikurat taghha Aldo Bonnett**

**vs**

**Paul Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi prevja okkorrendo id-dikjarazzjoni illi il-konvenut huwa responsabbli ghall-incident stradali illi gara fis-6 ta' Mejju 2004 fi Triq San Pawl Naxxar Malta bejn il-vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ABF 492 misjuqa minnu u dik Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni EMA 047 misjuqa minn Aldo Bonnett assikurata mas-socjeta' attrici, talbu il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mija tnejn u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (LM

2182.80c) rapprezentati hlas ta' danni kagunati minnu lll-atturi per konsegwenza ta' dan l-incident;

Flimkien mal-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz lill-kumpannija assikratrici tieghu, kontra tieghu u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa hu ingunt;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Jannar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn mija tnejn u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (LM 2182.80c) bl-imghax legali mill-lum sad-data tal-pagament effettiv u bl-spejjez kif-mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------